Parlament Ewropew
2019-2024

TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0452

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd KE/Kiribati (2023-2028). Protokoll ta' Implimentazzjoni

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Diċembru 2023 dwar abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta’ Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) (09862/2023 – C9-0356/2023 – 2023/0147(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (09862/2023),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta’ Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) (09890/2023),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0356/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0380/2023),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta’ Kiribati.